# 1 MINUTI

2 GVERN LOKALI TA' XBIEX

3 IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 21

IT-TNEJN 14 TA' Lulju 2014 FIS-2.00 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

## PREZENTI

| | |
|---|---|
| MAX ŻAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| PAUL J. PACE | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALB

## 1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta no 20 li kienet saret 23 ta' Ġunju 2014 fit-3.15 ta' wara nofsinhar ġew approvati kif iċċirkulati u għaldaqstant dawn wara ġew iffirmati mis-Sindku Max Żammit u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace.

## 2 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

2.1 Is–Sindku Max Żammit reġa tkellem fuq il-laqgħa li kienet saret ġewwa Sweden bit-tema *"European Cities Against Drugs in co-operation with San Patrignano Community"* fejn qal li din il-laqgħa kienet pożittiva li *chairman* ta' din il-laqħa kien qabel ma xi punti li kien is-suġġerixxa s-Sindku s-Sur Max Żammit.

Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti qal li kull Kunsillier li attenda din il-konferenza għandu jagħmel rapport.

2.2 Is-Sindku Max Zammit qal li Dr.Malcom Borg se jkun qiegħed jgħin lil Kunsill fuq it-*Twinnings* li qed jagħmel il-Kunsill liema xogħol qed ikun bla ħlas.

Huwa qal li bħalissa qed jieħu ħsieb li jagħmel l-applikazzjonijiet meħtiega sabiex il-Kunsill ikun jista jmexxi l-applikazzjonijiet lid-Dipartiment għat-*Twinnings* li l-Kunsill kien approva uninament li jsiru. Dawn it-*Twinnings* għandhom issiru bejn Rocca Santo Stefano li l-Kunsill qabel li jsir mill-aktar fiss possibli u bejn il-Kunsill ta' ACI Catena

Għaldaqstant il-Kunsill mod unanimu reġa jafferma li għandhom issiru dawn iż-żewġ Ġemellaġġi.

Għaldaqstant is-Sindku Max Żammit issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jiċċekja kemm inteffqu flus s'issa fuq dawn iż-żewġ Ġemellaġġi.

2.3 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward id-Dekasterri tal-Kunsilliera. Huwa qal li jħoss li hemm xi Kunsilliera li jistgħu jagħtu aktar fil-ħidma tagħhom f'dan il-Kunsill u għaldaqstant kien qed jipproponi xi tibdil.

Is-Sindku Max Żammit ħass li peress li bħalissa l-Kunsillier Antonhy Cachia Castelletti qed ikun indispost minħabba xi mard personali, id-Dekaster tal-Edukazzjoni li kien jieħu ħsieb hu, tgħaddi għand il-Kunsillier Eugenio Muscat.

Għaldaqstant is-Sindku Max Żammit qal li huwa jipproponi li fuq il-*housing* għandu jkun jassisti ukoll il-Kunsillier Frank Roe flimkien mal- Kunsillier Eugenio Muscat. Id-Dekaster tat-*traffic management* ġie modi għand l-Kunsillier Ronald Portelli u d-Dekaster tal-indafa ingħata issa lill-Kunsillier Frank Roe fejn qabel kien qed jieħu ħsiebu l-Kunsillier Eugenio Muscat.

2.4 Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti se jkompli jieħu ħsieb l-istatistika u kull ġbir ta' informazzjoni li l-Kunsill ikollu bżonn.

Ukoll il-Kunsillier Eugenio Muscat se jkun qiegħed jassisti ukoll lil Kunsillier Frank Roe fuq l-Ambjent.

2.5 Is-Sindku Max Żammit qal li kien ġie avviċinat mill-Malta Yacht Club sabiex issir *Boat Show* ġewwa Ta' Xbiex fejn se jkollu iktar dettalji aktar tard.

2.6 Is-Sindku Max Żammit qal li l-Kunsill kellu talba sabiex jittieħdu xi *parking spaces* mill-operaturi tal-MIB quddiem l-uffiċċini tagħhom. Is-Sindku Max Żammit qal li l-aħjar fuq din l-issue , il-Kunsill għandu jieħu parrir mingħand perit. Il-Kunsilliera qablu.

2.7 Is-Sindku Max Żammit qal li rigward il-vakanza għal-skrivan/a huwa kien tkellem mac-*Chairman* il-ġdid tal-ETC sabiex dan iħaffef il-proċess sabiex il-Kunsill ikun jista' jibda il-proċess li jwassal sabiex jiġi ingaġġata persuna għal skrivan/a.

2.8 Is-Sindku Max Żammit qal li x-xatt qiegħed ikun imnaddaf tajjeb ħafna u xtaq b'mod formali jirringrazzja lid-Direttur tal-*Cleansing Department* lis-Sur Ramon Deguara għal impenn li qed juri sabiex dan ix-xatt ikompli ikun imnaddaf . Is-Sindku Max Żammit issuġġerixxa li għandha tintbagħat e-mail lis-Sur Deguara sabiex il- Kunsill jirringrazjah.

2.9 Is-Sindku Max Żammit qal li l-Amministrazzjoni ħadet ħsieb tinforma lil *General Cleaners* li wara deċiżżjoni li kienu ħadu l-PCRB il-Kunsill iddeċieda li huma għandhom jibdew xogħlijiet tat-Tender txlg/15/13.

2.10 Is-Sindku Max Żammit qal ukoll li l-Kunsill qed jaslulu lmenti li t-toilets m'humiex ikunu mnaddfa kif suppost u għaldaqstant għandna nkellmu l-operaturi sabiex jieħdu ħsieb li dawn jiġu mnaddfa. Is-Sindku Max Żammit qal ukoll sadanittant is-Showers li saru qed ikunu miftuħin.

## 3 Approvazzjoni tal-Pagamenti

Is-Sindku Max Żammit ressaq għal approvazzjoni l-lista tal-pagamenti Nru 11 sabiex jiġu approvati u wara li l-Kunsilliera raw din il-lista u ġew verifikati xi affarijiet, din il-lista ġiet approvata uninament fejn wara ġiet iffirmata mis-Sindku Max Żammit u min Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace.

## 4 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

4.1 Il-Kunsillier is-Sur Eugenio Muscat qal li kienet saret laqgħa tal-kondimenju (tal-blokka ta' fejn l-Kunsill għandu l-Uffiċċju), li għaliha kien preżenti ukoll l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace. Ġiet diskussa l-logos li l-Kunsill għandu mwaħħla minn ġewwa mal-partition li jagħti għal entratura tal-bieb.

4.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace baqa' jinsissti li mkien ma hemm miktub fir-regoli tal-Kondimenju li l-Kunsill ma jistax jwaħħal sticker minn ġewwa li juri li dan huwa Uffiċċju tal-Kunsill, peress li meta nxtara dan il-premesis kien mil-bidu nett reġistrat illi dan il-premises sejjer jintuża bħala Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill ta' Ta' Xbiex.

4.3 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li ġie avviċinat li taħt il-premises tal-Kunsill se jkun hemm vacant ta' garaxx li jesa' żewg karozzi, it-talba tiegħu se tkun ta madwar €500 fis-sena.

Il-Kunsill iddiskuta dan l-item u issuġġerixxa li l-Kunsillier Eugenio Muscat għandu jagħmel tentattivi sabiex jara jekk il-propretarju ta' dan il- garaxx jistax iraħħas minn dan il-prezz mitlub.

4.4 Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti qal li hemm bżonn issiru xi sinjali sabiex jindikaw direzzjoni ta' fejn huwa l-Bini tal-Kunsill.

4.5 Is-Sindku Max Żammit qal rigward il-monument li għandu jsir "The Guardian Angel Project" li se jigi mogħti min JSC Strong Art f'isem id-Direttur Generali Stronksy Peter Timofeyevich taħt is-superviżżjoni IPPO Malta.

4.6 Is-Sindku Max Żammit qal li għandhom bżonn jerġgħu jiġu *refreshed* sinjali taz-*Zebra Crossing* ġewwa t-Triq Prinċipessa Margerita u naraw li t-*Traffic Lights* flimkien mal-*Pelican Lights* ikunu qegħdin jaħdmu. Tkellem ukoll sabiex naraw hekk tistax issir *Bus Shelter* ġewwa Triq Abate Rigord.

4.7 Is-Sindku Sur Max Zammit qal sabiex niċċekjaw *by-law* rigward l-*Istreamer* li kien twaħħal ġewwa Ta' Xbiex mingħajr il-permess tal-Kunsill.

Huwa tkellem fuq Triq il-Maskli fejn qal li din hija triq perikoluża ħafna u għaldaqstant il-Kunsill għandu jara kif tista' tiġi remedjata din il-problema.

4.8 Il-Laqgħa spiċċat fil-5.30 ta' filgħaxija.

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv